This list showing in alphabetical order the name and surname of the persons who were interdicted or incapacitated, up to the end of last year, by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, together with other relevant particulars, is being published in accordance with section 527(4) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Kunjom u Isem l-interdett *Surname and name of the interdicted person*	Iben/bint *Son/Daughter of*	Post tat-Twelid *Place of Birth*	Karta ta' Identità *Identity Card*	Data digriet *Date of decree*
Abela Maria mart/*wife of* Giuseppe	mejjet/*late* Bartolo Paolo	Nadur, Gozo	NA	5/4/73
Agius Nicolina xebba/*spinster*	mejjet/*late* Agius Giuseppe	Victoria, Gozo	NA	4/7/62
Agius Salvina sive Elvina *	Agius George mejjet/*late*	Victoria, Għawdex	52652(G)	17/09/2007
Agius Giuseppa	mejjet/*late* Agius Carmelo	Victoria, Gozo	NA	28/4/59
Apap Caterina xebba/*spinster*	mejjet/*late* Apap Vincenzo	Kerċem, Gozo	NA	17/1/63
Apap Giorgia xebba/*spinster*	mejjet/*late* Apap Vincenzo	Kerċem, Gozo	NA	17/1/63
Attard Anthony	mejjet/*late* Attard Giuseppe	Xewkija, Gozo	NA	22/10/75
Attard Francesco	mejjet/*late* Attard Antonio	Victoria, Gozo	NA	14/5/64
Attard Giuseppe	mejjet/*late* Antonio	Victoria, Gozo	NA	12/9/62
Axiaq Mary Rose mart/*wife of* Joseph	Saliba Michele mejjet/*late*	Sannat, Għawdex	1324(G)	05/04/2005
Azzopardi Anna	Azzopardi Antonio mejjet/*late*	Xagħra, Għawdex	73632(G)	18/01/2007
Azzopardi Clementia xebba/*spinster*	mejjet/*late* Azzopardi Giorgio	Sannat, Gozo	NA	24/1/64
Bajada Manwel	mejjet/*late* Bajada Giuseppe	Xagħra, Gozo	NA	1/12/72
Bajada Paul *	Bajada Emanuel	Sannat, Għawdex	57643(G)	21/10/2004
Bonnici Giacinta xebba/*spinster* *	Bonnici Joseph	Xewkija, Għawdex	61754(G)	20/2/2004
Borg Giuseppe	mejjet/*late* Borg Giovanni	Xagħra, Gozo	NA	23/10/57
Bugeja Anna mart/*wife of* Grazio	Spiteri Lorenzo	Għajnsielem, Gozo	NA	2/6/59

Kunjom u Isem l-interdett *Surname and name of the interdicted person*	Iben/bint *Son/Daughter of*	Post tat-Twelid *Place of Birth*	Karta ta' Identità *Identity Card*	Data digriet *Date of decree*
Bugeja Ganni	Bugeja Francis mejjet/*late*	Għajnsielem, Għawdex	52651(G)	23/10/2007
Bugeja John	mejjet/*late* Bugeja Francis	Għajnsielem, Gozo	NA	15/11/83
Bugeja John	mejjet/*late* Bugeja Michael	Xewkija, Gozo	NA	15/11/83
Bugeja Raymond	Bugeja Carmelo	Munxar, Gozo	28366(G)	20/7/95
Buttigieg Carmela mart/*wife of* Angelo	Xiberras Lorenzo	Sannat, Għawdex	76130(G)	16/4/2004
Buttigieg Joseph Angelo	Buttigieg Nazzareno mejjet/*late*	Detroit, Michigan, USA	Passaport Amerikan 2444785	03/09/2001
Buttigieg Paola xebba/*spinster* *	Buttigieg Giovanni mejjet/*late*	Nadur, Għawdex	47425(G)	23/8/2004
Buttigieg Theodora sive Doreen xebba/*spinster*	Buttgieg Guzepp mejjet/*late*	Xewkija, Għawdex	4169(G)	18/10/2002
Buttigieg Theodora xebba/*spinster*	mejjet/*late* Buttigieg Joseph	Victoria, Gozo	NA	18/8/92
Buttigieg Victoria	Buttigieg Michael Angelo	Victoria, Gozo	NA	15/11/78
Calleja Angelo	Calleja Publio	Żebbuġ, Gozo	NA	9/3/82
Camilleri Maria mart/wife of Victor	Pace Giorgio	Victoria, Għawdex	49536(G)	11/03/2005
Camilleri Noel *	Camilleri Nicholas mejjet/*late*	Victoria, Għawdex	87848(G)	7/3/2006
Camilleri Saverina armla ta'/*widow* of Emidio	mejjet/*late* Mercieca Carmel	Victoria, Gozo	12322(G)	13/9/99
Camilleri Victor	mejjet/*late* Camilleri John	Blacktown, New South Wales, Australia	16110(A)	14/12/95
Cassar Anthony	Cini Giuseppi	Żebbuġ, Gozo	NA	19/4/91
Cassar Concetta armla ta'/*widow* of Michele	Sciberras Carmelo	Xagħra, Gozo	NA	28/5/92
Cassar David	mejjet/*late* Cassar Carmel	Victoria, Gozo	13377(G)	14/6/99
Cassar Luigi	Cassar Michael Angelo	San Lawrenz, Gozo	NA	19/12/83
Cassar Maria armla ta'/*widow* of Salvatore	Mejlaq Antonio	Nadur, Gozo	NA	12/7/84
Cauchi Angolina*	Formosa Joseph mejjet/*late*	San Lawrenz, Għawdex	2527G	14/06/2007
Cauchi John	Cauchi Vincent	Għasri, Gozo	NA	9/2/82
Cefai Eugenio	Cefai Martin	Żebbuġ, Għawdex	9252(G)	20/10/2005
Cini Carmel	Cini Angelo	Għarb, Gozo	NA	26/9/79
Cini Fortunata xebba/*spinster*	mejjet/*late* Cini Joseph	Żebbuġ, Gozo	NA	19/11/79
Cini Maria xebba/*spinster*	Cini Francis	Nadur, Gozo	NA	12/4/83
Coleiro Anthony sive Spiteri Coleiro Anthony *	Spiteri Anthony mejjet/*late*	Santa Venera, Malta	79642(M)	21/06/2001
Cordina Carmel	Cordina George	Victoria, Gozo	NA	4/6/92
Cremona Michael	mejjet/*late* Cremona Anton	Victoria, Gozo	NA	29/6/78
Curmi Robert	Curmi Gio Maria mejjet/*late*	Munxar, Għawdex	20924(G)	19/1/2006
Debrincat Carmel	mejjet/*late* Debrincat Michael	Nadur, Gozo	61244(G)	5/6/89
Debrincat Rose	mejjet/*late* Debrincat Salvu	Munxar, Gozo	7050(G)	10/1/91
Dimech Toni	Dimech Antonio	Marsa, Malta	437935(M)	1/10/96
Enriquez Melania xebba/*spinster*	mejjet/*late* Enriquez Carmelo	Victoria, Gozo	NA	28/9/82
Enriquez John	mejjet/*late* Enriquez Carmelo	Victoria, Gozo	NA	28/9/82
Falzon Salvu	Falzon Pietru Pawl	Nadur, Gozo	NA	30/5/77
Farrugia Michael *	Farrugia Francis	Nadur, Għawdex	48058(G)	17/03/2005
Formosa Giusepp Emidio Paolo	mejjet/*late* Formosa Michaelangelo	Għarb, Gozo	NA	26/5/87
Formosa Joseph	Formosa Emanuel	Xagħra, Gozo	NA	28/9/83
Formosa Peter Paul	mejjet/*late* Formosa Joseph	Nadur, Gozo	NA	27/9/60
Formosa Rita	Formosa Joseph and Theodora neé Bartolo/*late*	Rabat, Għawdex	53056G	11/04/2007
Galea Edgar	Galea Michael	San Ġiljan, Malta	NA	15/3/82
Galea Emmanuela armla ta'/*widow of* Saviour	mejjet/*late* Zammit Fortunato	Xaghra, Gozo	NA	15/11/78

Kunjom u Isem l-interdett *Surname and name of the interdicted person*	Iben/bint *Son/Daughter of*	Post tat-Twelid *Place of Birth*	Karta ta' Identità *Identity Card*	Data digriet *Date of decree*
Galea Emmanuele	mejjet/*late* Galea Giuseppe	Xaghra, Gozo	NA	2/4/65
Galea Giuseppa armla ta'/*widow of* Giusepp	mejjet/*late* Borg Mikiel	Xagħra, Gozo	NA	6/10/69
Galea Giuseppa mart/wife of Francesco	mejjet/*late* Tabone Giuseppe	Għarb, Gozo	NA	19/8/69
Galea Giuseppe	Galea Michaelangelo	Għarb, Gozo	NA	2/10/80
Galea Joseph	mejjet/*late* Galea M'Angelo	Għarb, Gozo	NA	14/5/93
Galea Josephine armla ta'/widow of Francis	mejjet/*late* Tabone Joseph	Għarb, Gozo	NA	3/10/80
Galea Mary armla ta'/*widow of* Lawrence	mejjet/*late* Attard Joseph	Għasri, Gozo	NA	23/2/88
Gatt Cristina xebba/*spinster*	mejjet/*late* Gatt Carmelo	Victoria, Gozo	NA	23/4/65
Gauci Francesco	mejjet/*late* Gauci Carmelo	Victoria, Gozo	NA	15/3/61
Gauci George	Gauci John	Kerċem, Gozo	NA	10/9/82
Gauci Joseph	mejjet/*late* Gauci Angelo	Xagħra, Gozo	NA	14/8/81
Gauci Maria xebba/*spinster*	Gauci Joseph mejjet/*late*	Kerċem, Għawdex	38026(G)	3/4/2002
Grech John	Grech Francis mejjet/*late*	Victoria, Għawdex	4568(G)	19/11/2001
Grech Joseph	Grech Francis mejjet/*late*	Victoria, Għawdex	26866(G)	19/11/2001
Grech Maria xebba/spinster	mejjet/*late* Grech Francesco	Victoria, Gozo	NA	2/10/65
Grima Michelina (1)	Grima Saviour mejjet/*late*	Xewkija, Għawdex	20828(G)	31/05/2007
Grima Michelina xebba/*spinster**	mejjet/*late* Grima Saviour	Victoria, Gozo	20828 (G)	23/1/96
Haber Giuseppa armla ta'/*widow of* George	Pace Giovanni	Xewkija, Għawdex	59324(G)	10/1/2002
Lanzon Anthony	Lanzon Salvatore	Victoria, Gozo	NA	25/9/70
Magro Maria Assunta armla ta'/*widow of* Luigi	mejjet/*late* Grima Loreto	Għajnsielem, Gozo	NA	2/4/68
Mercieca Carmelo	mejjet/*late* Mercieca Luigi	Żebbuġ, Gozo	NA	16/8/77
Mercieca Carmelo	Mercieca Paolo mejjet/*late*	Għajnsielem, Għawdex	9230 (G)	12/12/2005
Mercieca Christine xebba/*spinster*	Mercieca Joseph mejjet/*late*	Victoria, Għawdex	41564(G)	26/9/2003
Mercieca Maria xebba/*spinster*	Mercieca Joseph	Nadur, Gozo	NA	11/7/69
Micallef James	Micallef Joseph mejjet/*late*	Pietà, Malta	6374(M)	04/05/2006
Micallef Joseph	mejjet/*late* Micallef Lorenzo	Għarb, Gozo	NA	18/8/88
Mizzi Gio Batta	mejjet/*late* Mizzi Giuseppe	Għajnsielem, Gozo	NA	16/4/58
Mizzi Grazia mart/*wife of* Pietro Paolo	Azzopardi Giorgio	Sannat, Gozo	NA	24/1/64
Mizzi Noel	Mizzi Paul mejjet/*late*	Victoria, Gozo	17076(G)	14/5/2001
Muscat Antonio	mejjet/*late* Muscat Angelo	Nadur, Gozo	NA	1/10/65
Muscat Giuseppe	Muscat Giuseppe	San Lawrenz, Gozo	NA	11/9/68
Muscat Maria xebba/*spinster*	mejjet/*late* Muscat Carmelo	Nadur, Gozo	NA	15/10/87
Muscat Pauline xebba/*spinster*	mejjet/*late* Muscat Paul	Nadur, Gozo	NA	12/9/90
Pisani Joseph	Pisani Francis	Sannat, Gozo	NA	13/2/80
Portelli Carmela xebba/*spinster*	mejjet/*late* Portelli Giuseppe	Nadur, Gozo	NA	17/1/63
Portelli Emanuel	mejjet/*late* Portelli Joseph	Għarb, Gozo	61060(G)	5/11/92
Portelli Joseph	mejjet/*late* Portelli Carmel	Victoria, Gozo	NA	2/5/89
Portelli Joseph	Portelli Francesco mejjet/*late*	Nadur, Għawdex	55218(G)	15/06/2006
Portelli Maria xebba/*spinster**	Portelli Frangisk mejjet/*late*	Victoria, Għawdex	49941(G)	05/09/2005
Portelli Marianna armla ta'/*widow of* Joseph	mejjet/*late* Mercieca Michaelangelo	Għarb, Gozo	NA	24/5/74
Portelli Natalina sive Natalie	mejjet/*late* Portelli George	Victoria, Gozo	NA	28/9/82
Rapa Pawla armla ta'/*widow of* Carmelo	mejjet/*late* Spiteri John	Għajnsielem, Gozo	NA	15/11/89
Refalo Joseph	Refalo Angelo	Victoria, Gozo	NA	20/10/81

Kunjom u Isem l-interdett *Surname and name of the interdicted person*	Iben/bint *Son/Daughter of*	Post tat-Twelid *Place of Birth*	Karta ta' Identità *Identity Card*	Data digriet *Date of decree*
Said Joseph	Said Michael	Nadur, Gozo	NA	18/8/81
Said Maria armla ta'/*widow of* Antonio	mejjet/*late* Mercieca Giuseppe	Xagħra, Gozo	NA	17/11/89
Scicluna Maria xebba/*spinster*	mejjet/*late* Scicluna Antonio	Għajnsielem, Gozo	NA	18/2/72
Seychell Consiglio	Scychell Agostino	Żejtun, Malta	NA	9/11/61
Spiteri Carmela mart/*wife of* Carmelo	Vella Carmelo	Victoria, Gozo	NA	28/9/73
Spiteri Francis	Spiteri Carmel	Victoria, Gozo	NA	19/3/82
Spiteri Francis	mejjet/*late* Spiteri Anthony	Kerċem, Gozo	NA	20/4/88
Spiteri Francis	mejjet/*late* Spiteri Carmel	Victoria, Gozo	41952(G)	19/7/95
Spiteri Salvatore sive Sam	mejjet/*late* Spiteri Pio	Queensland, Australia	NA	18/12/90
Sultana Salvina xebba/spinster	Sultana John mejjet/*late*	Victoria, Għawdex	64160(G)	13/06/2003
Sultana Gemma xebba/*spinster*	Sultana John mejjet/*late*	Xagħra, Għawdex	55148(G)	13/06/2003
Sultana Maria Antonia	Zammit Pio mejjet/*late*	Xagħra, Għawdex	47727(G)	09/11/2006
Sultana Mario *	Sultana John mejjet/*late*	Victoria, Għawdex	52159(G)	13/06/2003
Sultana Rita xebba/*spinster* *	Sultana John mejjet/*late*	Xagħra, Għawdex	44855(G)	13/06/2003
Teuma Giuseppe	mejjet/*late* Teuma John	Xewkija, Gozo	NA	13/1/62
Teuma Michelina	mejjet/*late* Teuma John	Xewkija, Gozo	NA	13/1/62
Vella Carmelo	mejjet/*late* Vella Giuseppe	Xewkija, Gozo	NA	22/7/58
Vella George	mejjet/*late* Vella Francesco	Għajnsielem, Gozo	25552(G)	8/10/99
Vella John	Vella Carmelo	Xewkija, Gozo	NA	26/1/59
Vella John	Vella Michael Angelus	Victoria, Għawdex	44938(G)	27/8/2003
Vella Luzio	mejjet/*late* Vella Luigi	Żebbuġ, Gozo	NA	10/11/65
Vella Maria Giovanna xebba/*spinster*	mejjet/*late* Vella Pawlu	Xewkija, Gozo	NA	5/2/88
Vella Maria Rosa	mejjet/*late* Vella Giuseppe	Xewkija, Gozo	NA	11/10/88
Vella Marie Jeanette xebba/*spinster*	Vella Joseph	Sydney, Australia	87398(M)	23/8/2004
Vella Marietta	Vella Joseph	Nadur, Gozo	NA	17/11/81
Vella Mary Jane xebba/*spinster*	Vella Paul mejjet/*late*	Xewkija, Għawdex	30250(G)	23/2/2006
Vella Saminu sive Sammy*	Vella John mejjet/*late*	Victoria, Gozo	2780(G)	14/11/2000
Xerri Ganna sive Giovanna xebba/*spinster*	Xerri Michael mejjet/*late*	Xagħra, Għawdex	56545(G)	6/11/2003
Xicluna Giuseppe*	mejjet/*late* Xicluna Salvatore	Munxar, Gozo	NA	28/12/88
Xuereb Carmela xebba/*spinster*	mejjet/*late* Xuereb Bernardo	Munxar, Gozo	NA	20/11/70
Xuereb Joseph	Xuereb Giovanni mejjet/*late*	Xewkija, Gozo	15069(G)	11/5/2000
Xuereb Mario	Xuereb Giovanni mejjet/*late*	Xewkija, Gozo	42463(G)	11/5/2000
Zammit Francesca xebba/*spinster*	Zammit Michael	Victoria, Gozo	NA	16/2/82
Zammit Josephine armla ta'/*widow of* John	Borg Francesco mejjet/*late*	Victoria, Għawdex	55911(G)	23/10/2003
Zammit Virginia armla ta'/*widow of* Saviour	Cachia Paolo mejjet/*late*	Xagħra, Għawdex	14016(G)	31/7/2002

*(inabilitat/incapacitated)
NA – mhux disponibbli; not available

(1) Grima Michelina (I.D. No. 20828(G) ġiet inabilitata minflok interdetta b'digriet tal-25 ta' Mejju 2007; Rikors Numru 1/2007; Digriet numru 33/2007(AE);
(2) Grima Michelina (I.D. No. 20828(G) has had her interdiction changed to incapacitation by virtue of decree dated 25th May 2007; Application number 1/2007; decree number 33/2007 (AE).

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja,

Illum, id-29 ta' Jannar, 2008

Maureen Xuereb
Deputat Reġistratur

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction

Today, 29th January, 2008

Maureen Xuereb
Deputy Registrar

153

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' 0ttubru 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3578/07, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Vivienne Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 20 ta' Settembru 2007.

Lil Vivienne Limited

Permezz tal-preżenti, is-soċjetà bankarja Bank of Valletta p.l.c. tagħmlilkom referenza għall-liberazzjoni li seħħet in forza ta' bejgħ b'irkant miżmum taħt l-Awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti, fil-15 ta' Frar 2007, fuq talba tal-Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) fejn ġie liberat għaf-favur tas-soċjetà mittenti, il-flat internament immarkat bin-numru tnejn (2), liema flat jinsab fil-ħames (5) sular meta kalkulat minn Saint Anne Square, Sliema, formanti parti minn blokk ta' appartamenti magħruf bħala 'Fawwara Buildings' fi Triq Ġużé Fava, Tas-Sliema, l-imsemmi blokk ta' flats jikkonfina minn Nofsinhar ma' Saint Anne Square, Punent ma' Tower Road, u Tramuntana ma' Plaza Centre, u tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tiżgombra mill-imsemmi appartament u tħallih liberu u battala favur il-mittenti peress illi inti qed tiddetjeni tali appartament mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Jekk tonqos l-mittenti ser jipproċedi ġudizzjarjament kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Bl-ispejjeż.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Palace Square, Valletta.

Soċjetà Intimata: Vivienne Limited,
37/1, Tigné Seafront, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 10th October 2007, in the records of the judicial letter number 3578/07, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Vivienne Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 20th September 2007

To Vivienne Limited

By the present, the banking company Bank of Valletta p.l.c. refers to the adjudication which took place in force of a judicial sale held under the Authority of this Honourable Court, on the 15th February 2007, following a request of the Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) whereby there was adjudicated in favour of the interpellant company, the flat internally marked with number two (2), which flat lies in the fifth (5) floor when calculated from Saint Anne Square, Sliema, forming part of a block of apartments known as 'Fawwara Buildings' in Ġużé Fava Street, Sliema, the said block of flats borders on the South with Saint Anne Square, on the West with Tower Road, and on the North with Plaza Centre and calls upon you so that within two days you vacate the said apartment and you leave it free and unencumbered in favour of the interpellant because you are holding the said apartment without any valid title at law.

If you fail the interpellant shall proceed judicially against you without any other prior notice.

With costs.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Palace Square, Valletta.

Respondent company: Vivienne Limited,
37/1, Tigné Seafront, Sliema.

Registry of the Superior Courts, today 31st January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

154

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2008, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skond l-artikolu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim Awla fl-4 ta' Ġunju, 2007, mill-Kummissarju għat-Taxxa fuq Valur Miżjud qed jintalab il-Bejgħ bl-Irkant ta':

Fond numru sitta u erbgħin (46) 'Casa Micallef', Triq Nerik Mizzi, Mosta.

L-imsemmi fond hi propjetà ta' Benjamin Micallef (KI 929749M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 18th January, 2008 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on 4th June, 2007 by the Commissioner of Value Added Tax, is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

Tenement number fourty six (46), 'Casa Micallef', Nerik Mizzi Street, Mosta.

The said tenement is the property of Benjamin Micallef (ID 929749M).

Registry of the Superior Courts, this 22nd January, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

155

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-22 ta' Diċembru, 2007 fuq rikors ta' Lombard Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 3 ta' April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

Il-fond kummerċjali bl-isem 'Allegro Andante Restaurant', 130, Triq Spinola, San Ġiljan, artikolat f'erba' livelli, li l-ogħla minnhom huwa fil-livell ta' Triq Spinola u l-iktar wieħed fil-baxx huwa fil-livell ta' Xatt il-Baħar tal-Bajja ta' Spinola, liberu u frank, formanti parti minn korp ta' bini akbar, stmat li jiswa €1,944,269 (Lm834,675).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Allegro Andante Limited.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Renato La Ferla fir-relazzjoni tieghu maħlufa fl-20 ta' Settembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 22nd December, 2007 on the application of Lombard Bank Malta Plc, Thursday 3rd April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 2nd March, 2007 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The commercial tenement named 'Allegro Andante Restaurant', 130, Spinola Road, St. Julian's, articulated on four levels, the highest leveled with Spinola Road and the lowest leveled with the seafront of Spinola Bay, free and unencumbered, forming part of a larger building complex, valued at €1,944,269 (Lm834,675).

The said tenement is the property of Allegro Andante Limited.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Renato La Ferla on 20th September, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 23rd January, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

156

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-30 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, l-1 ta'April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-27 ta' Awissu, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

Fond numru erbgħa u tletin (34), Triq Vassalli, Żebbuġ, Malta, mibni fuq żewġ sulari, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa €135,103.66 (Lm58,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Philip (KI 160073M) u Sharon (KI 18075M) konjuġi Gatt.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC David P. Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-26 ta' Novembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 30th November, 2007 on the application of HSBC Bank Malta Plc, Tuesday 1st April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 27th August, 2007 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement numbered thirty four (34), Vassalli Street, Żebbuġ, Malta, built on two floors, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, valued at €135,103.66 (Lm58,000).

The said tenement is the property of Philip (ID 160073M) and Sharon (ID 18075M) spouses Gatt.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC David P. Pace on 26th November, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 23rd January, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

157

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fis-7 ta' Diċembru, 2007 fuq rikors ta' Blokrete Limited ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 1 ta' April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

Għaxar (10) garaxxijiet bla numru u bla isem però numerati mhux uffiċjalment bin-numri tnejn u erbgħin sa wieħed u ħamsin (42-51), sovraposti u sottoposti għall-propjetà ta' terzi, formanti parti minn blokk ta' bini u li għandhom entratura komuni aċċessibbli minn triq ġdida bla isem li tisbokka fi Triq Manoel Vilhena, Birkirkara, stmati li jiswew €407,640.34 (Lm175,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bonavia Stores Limited (C10409).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-29 ta' Novembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 7th December, 2007 on the application of Blokrete Limited, Tuesday 1st April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 24th May, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Ten (10) unnumbered and unnamed garages but unofficially numbered with numbers fourty two to fifty one (42-51), overlying and underlying third party property, forming part of a building block that have a common entrance accessible froma new street in Manoel Vilhena Street, Birkirkara, valued at €407,640.34 (Lm175,000).

The said tenement is the property of Bonavia Stores Limited (C10409).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Valerio Schembri on 29th November, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 23rd January, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

158

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fis-7 ta' Diċembru, 2007 fuq rikors ta' Blokrete Limited ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 1 ta' April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

Għaxar (10) garaxxijiet bla numru u bla isem però numerati mhux uffiċjalment bin-numri tnejn u erbgħin sa wieħed u ħamsin (42-51), sovraposti u sottoposti għall-propjetà ta' terzi, formanti parti minn blokk ta' bini u li għandhom entratura komuni aċċessibbli minn triq ġdida bla isem li tisbokka fi Triq Manoel Vilhena, Birkirkara, stmati li jiswew €407,640.34 (Lm175,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bonavia Stores Limited (C10409).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-29 ta' Novembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 7th December, 2007 on the application of Blokrete Limited, Tuesday 1st April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 24th May, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Ten (10) unnumbered and unnamed garages but unofficially numbered with numbers fourty two to fifty one (42-51), overlying and underlying third party property, forming part of a building block that have a common entrance accessible froma new street in Manoel Vilhena Street, Birkirkara, valued at €407,640.34 (Lm175,000).

The said tenement is the property of Bonavia Stores Limited (C10409).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Valerio Schembri on 29th November, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 23rd January, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

159

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Jannar 2008 fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 990/98 RCP, Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Novembru 2006, fl-ismijiet Alfred Gafà vs Concetta Gafà, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni, biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Alfred Gafà (ID 307552(M) a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti ta' l-Appell

S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano, LL.D.
Onor. Imħallef Albert J Magri, LL.D.
Onor . Imħallef Tonio Mallia, LL.D.

Ċit. 990/98

Alfred Gafà
Vs
Concetta Gafà

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors:

It is hereby notified, that the Court of Appeal, by means of a decree, given on the 17th January 2008, in the records of the Writ of Summons Number 990/98 RCP, Decided by the Court of Appeal, 3rd November 2006, in the names Alfred Gafà vs Concetta Gafà, ordered the following publication, for the purpose of service of Alfred Gafà (ID 307552(M) in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Appeal

His Honour the Chief Justice Vincent De Gaetano, LL.D.
Hon. Mr. Justice Albert J. Magri, LL.D.
Hon. Mr. Justice Tonio Mallia, LL.D.

Writ of Summons 990/98

Alfred Gafà
Vs
Concetta Gafà

The Court,

Saw the Application:

Tordna n-notifika tiegħu lil Alfred Gafà u lill-Korporazzjoni Enemalta bi żmien ħmistax-il jum għal risposta.

Illum 20 ta' Lulju 2007.

Iff. S. Aquilina
Deputat Reġistratur

Saviour Aquilina, BA (Hons) M.A.
Deputat Reġistratur Qrati tal-Ġustizzja (Malta)

Notifika: Flat 3, Daffodil, Triq is-Sajjied, Buġibba.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Orders that it be notified to Alfred Gafà and Enemalta Corporation who are to file a reply within fifteen days.

Today 20th July 2007.

Sgd. S. Aquilina
Deputy Registrar.

Saviour Aquilina, BA (Hons) M.A.
Deputy Registrar Courts of Justice (Malta).

Service: Flat 3, Daffodil, Fisherman Street, Buġibba.

Registry of the Superior Courts, today 29th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

160

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Jannar 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 171/07 NC, fl-ismijiet Gatt Victor vs Baron Natasha et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata Natasha Baron, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Victor Gatt (ID395571M) vs Natasha Baron u Dr Richard Sladden u l-P.L. Louisa Tufigno li b'digriet tad-9 ta' Mejju 2007, ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw l-interessi tal-minuri ...omissis... u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ir-rikorrenti Victor Gatt (ID 395571M) espona bir-rispett:

Illi l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta Natasha Baron u minn din ir-relazzjoni fl-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001) …omissis… twieldet tarbija ...omissis...

Illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri … omissis…

Illi mill-Att tat-twelid tal-minuri …omissis… jirriżulta illi fil-kolonna ta' l-'isem u Kunjom Missier it-Tarbija' ġew reġistrati l-kelmiet 'unknown father' ossia 'missier mhux magħruf' u dan skond iċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness' (Dok. A).

Illi l-konvenuta Natasha Baron, effettivament abbandunat lit-tifla, ...omissis… u bħal issa dinha qed tgħix man-nanniet materni tagħha, …omissis… però l-attur imur jaraha regolarment.

It is hereby notified, that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 10th January 2008, in the records of the Sworn Application number 171/07 NC, in the names Gatt Victor vs Baron Natasha et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Natasha Baron, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Victor Gatt (ID 395571M) vs Natasha Baron and Dr Richard Sladden and L.P. Louisa Tufigno who by decree of the 9th May 2007, were appointed Deputy Curators to represent the interests of the minor ...omissis... and the Director of Public Registry, the applicant Victor Gatt (ID 395571M) pleaded with respect:

That the plaintiff had a relationship with the defendant Natasha Baron and from this relationship on the first (1) of June of the year two thousand and one (2001)…omissis… a baby was born ...omissis... ...omissis…

That the plaintiff is the natural father of the minor ...omissis…

That from the Act of birth of the minor ...omissis... it results that in the column of the 'name and Father of the Baby' the words 'unknown father' or rather …omissis… and this according to the birth certificate hereby attached' Doc. A).

That the defendant Natasha Baron, effectively abandoned the girl, ..omissis… and at the moment the latter is living with her maternal grandparents …omissis… however the plaintiff, goes to see her regularly.

Illi r-rikorrent jixtieq illi jiġi rreġistrat bħala l-missier naturali tal-minuri…omissis…

Illi omm il-minuri …omissis… ġiet notifikata b'ittra uffiċjali datata 4 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) mir-rikorrent, fejn huwa ddikjara illi huwa kien bi ħsiebu japplika biex jiġi reġistrat bħala l-missier naturali ta' l-imsemmija minuri, …omissis…

Illi r-rikorrent għandu relazzjoni tajba ħafna ma' bintu u jemmen illi hija għandha tiġi fdata fil-kura u kustodja tiegħu ...omissis….

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri huwa l-attur Victor Gatt;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-Att tat-twelid No. 2130 …omissis… tal-minuri ...omissis... huwa jikkanċella l-kliem 'unknown father' mill-kolonna ta' l-'Isem u Kunjom missier it-tarbija' u jissostitwixxihom bil-kliem' Victor Gatt' u jirreġistra wkoll fl-istess Att il-konnotati ta' l-imsemmi Victor Gatt ...omissis…

3. Tieħu dawk il-passi neċessarji, fosthom illi taffda fil-kura u kustodja ta' l-attur il-minuri ...omissis..., peress illi ġiet abbandunata minn ommha.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Lista ta' Dokumenti.

Lista ta' xhieda.

Intimata: Tal-Grazzja
Triq iċ-Ċimiterju,
Żabbar.

Kuraturi Deputati: Il-Qorti, Valletta.

Ir-Rikors Numru 171/2007 NC, fl-ismijiet Gatt Victor vs Baron Natasha et, jinsab differit għat-12 ta' Marzu 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

That the applicant wishes to be registered as the natural father of the minor…omissis…

That the minor's mother..omissis… was notified by a judicial letter dated 4th October of the year two thousand and six (2006) by the applicant, whereby he declared that he intended to apply to be registered as the natural father of the said minor ...omissis…

That the applicant has a very good relationship with his daughter and believes that her care and custody should be entrusted to him …omissis…

Thus the applicant humbly prays that this Honourable Court:

1 Declares that the natural father of the minor is the plaintiff Victor Gatt;

2.Orders the defendant Director of the Public Registry so that in the Act of birth No. 2130 …omissis... of the minor ...omissis..., he cancels the words 'unknown father' from the column of the ' Name and surname of the father of the child' and substitute them with the words 'Victor Gatt' and register also in the same Act, the details of the said Victor Gatt …omissis…

3. To take those necessary measures, amongst, which to entrust the plaintiff, with the care and custody of the minor ...omissis, because she was abandoned by her mother.

With costs, against the defendant, from now summoned so that a reference to her evidence be made.

List of Documents.

List of Witnesses.

Respondent: Tal-Grazzja.
Cemetry Street,
Zabbar.

Deputy Curators, Courts of Justice, Valletta.

The Application Number 171/2007 NC, in the names Gatt Victor vs Baron Natasha et, has been put off to the 12th March 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

161

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 386/06 NC, fl-ismijiet Calleja Sharon vs Calleja David, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Sharon Calleja versus David Calleja, fid-29 ta' Novembru 2006, ir-rikorrenti Sharon Calleja, talbet lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1.Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti ċċelebrat fil-(11) ħdax ta' Ottubru 2002, elfejn u tnejn, fil-Knisja ta' San Leonardu, Ħal Kirkop, null u bla effett, kollox kif intqal fir-rikors u għar-raġunijiet hemm premessi.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li jibqa' inġunt għas-subizzjoni.

Xhieda.

Dokument.

Konvenut: Niagra Falls,
Triq Nerik Scerri,
Ħal Kirkop.

Ir-Rikors Numru 386/2006 NC, fl-ismijiet Calleja Sharon vs Calleja David, jinsab differit għat-3 ta' April 2008, fid-9.00 a.m, għan-notifika tal-konvenut.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 29 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 24th October 2007, in the records of the Application Number 386/06 NC, in the names Calleja Sharon vs Calleja David, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the names Sharon Calleja versus David Calleja, on the 29th November 2006, the applicant Sharon Calleja, asked this Honourable Court saving any necessary and opportune declaration why this Honourable Court should not

1. Declare the marriage between the parties celebrated on the (11) eleventh of October 2002, two thousand and two, in the Church of St. Leonard, in Kirkop null and without effect as stated in the application and for the reasons therein premised.

With costs, against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

Witnesses.

Document.

Defendant: Niagra Falls,
Nerik Scerri Street,
Kirkop.

The Application Number 386/2006 NC, in the names Calleja Sharon vs Calleja David, is put off to the 3rd April 2008, at 9.00 a.m., in order that the defendant be notified.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 29th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

162

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Novembru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 662/07 RCP, fl-ismijiet Anthony Galea et vs Josephine Borg et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jason Schembri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim Awla fl-ismijiet Anthony Galea (ID 416650M) u martu Maria Concetta Galea (ID 126352M); Anthony Cuschieri (ID 328349M) u martu Mary Cuschieri (ID

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 28th November 2007, in the records of the Sworn Application number 662/07 RCP, in the names Anthony Galea et vs Josephine Borg et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Jason Schembri, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court First Hall, in the names Anthony Galea (ID 416650M) and his wife Maria Concetta Galea (ID 126352M); Anthony Cuschieri (ID 328349M) and his wife Mary Cuschieri (ID

565953M); George Cuschieri (ID 239144M) u martu Teresa Cuschieri (ID 557643M) u Geranzio Cuschieri (ID 466450M) u martu Maria Vittoria Cuschieri (ID 372150M) vs Josephine Borg armla ta' Carmelo Borg; Josephine sive Josette Desira u żewġha John Desira; Carmen Micallef u żewġha Paul Micallef u Giovanna sive Jennifer Schembri u żewġha Jason Schembri; fit-18 ta' Ġunju 2007; ir-rikorrenti Anthony Galea et, talab lil din il-Qorti:

1.Tiddikjara li wara l-ftehim datat 20 ta' Lulju 2003, li sar bejn il-kontendenti dwar żvilupp u negozju ta' porzjonijiet art magħrufa 'Tal-Ħandaq' fil-limiti ta' Ħal Qormi, b'kejl komplessiv ta' għaxart elef seba' mija u dsatax metri kwadri (10,719 mk) l-istess kontendenti kienu ftehmu li flok il-ħlas imsemmi fi klawsola (10) tal-istess ftehim; il-konvenuti kellhom jirċievu, jew iżommu l-ekwivalenti ta' l-istess ħlas fi proprjetà koperta bil-permessi ta' żvilupp kif fuq ingħad; …omissis…

2. Konsegwentement ukoll, tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jonoraw il-ftehim datat 20 ta' Lulju 2003, fuq imsemmi, skond il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fl-istess ftehim;

B'riżerva għal kull azzjoni oħra, inkluż azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi u bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa għas-subizzjoni.

Xhieda.

Dokumenti.

Konvenut: Jason Schembri, 'Casa Borg', Triq G. Depasquale, Qormi.

Ir-Rikors Numru 662/07 RCP, fl-ismijiet Anthony Galea et vs Josephine Borg et, jinsab differit għas-smigħ għal-5 ta' Frar 2008, fil-11.00 a.m.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

565953M); George Cuschieri (ID 239144M) and his wife Teresa Cuschieri (ID 557643M) and Geranzio Cuschieri (ID 466450M) and his wife Maria Vittoria Cuschieri (ID 372150(M) vs Josephine Borg widow of Carmelo Borg; Josephine sive Josette Desira and her husband John Desira; Carmen Micallef and her husband Paul Micallef and Giovanna sive Jennifer Schembri and her husband Jason Schembri; on the 18th June 2007; the applicant Anthony Galea et, prayed that this Court:

1. Declare that after the agreement dated 20th July 2003, that was entered between the parties regarding development and business of the portions of land known as 'Tal-Ħandaq' in the limits of Qormi, with a global area of ten thousand seven hundred and nineteen square metres (10,719 sqm) the same parties had agreed that instead of the payment mentioned in clause (10) of the same agreement; the defendants had to receive; or hold the equivalent of the same payment in property covered with development permits as above stated; …omissis…

2. Consequently also, condemn the same defendants to honour the agreement dated 20th July 2003, above mentioned, according to the pacts and conditions stipulated in the same agreement;

Saving any other action, including action for damages due to the plaintiffs and with costs against the defendants, from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Witnesses.

Documents.

Defendant: Jason Schembri, 'Casa Borg', G. Depasuale Street, Qormi.

The Application Number 662/07 RCP, in the names Anthony Galea et, vs Josephine Borg et has been put off for hearing to the 5th February 2008, at 11.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Reġistrar, Civil Courts and Tribunals

163

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-18 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' JOSEPH CALLEJA ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 9 ta' April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2008 li għandu jsir f' Wied Inċita, Attard ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MARC AQUILINA.

Fork lifter tal-marka Boss isfar u iswed,

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 18th January, 2008 on the application of JOSEPH CALLEJA, Wednesday, 9th April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 18th January, 2008 to be held at Wied Inċita, Attard of the following items seized from the property of MARC AQUILINA.

Yellow and black fork lifter of the brand Boss

Registry of the Superior Courts, this Monday, 28th January, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

164

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fid-19 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' KUMMISSARJU TAL-VAT ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, l-14 ta' April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Jannar, 2008 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ATTARD PORTUGHES VICTOR PRO ET NOE.

Showcase, fax machine, television u xi għamara.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19th January, 2008 on the application of KUMMISSARJU TAL-VAT, Monday, 14th April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th January, 2008 to be held at 149, STRAIT STREET, VALLETTA, of the following items seized from the property of ATTARD PORTUGHES VICTOR PRO ET NOE.

Showcase, fax machine, television and furniture.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 28th January, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

165

B'digriet mogħti mill-QORTI CIVILI, PRIM AWLA fil-5 ta' Marzu, 2007 fuq rikors ta' ABELA ANGELO ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-28 ta' Jannar, 2008 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MASTER ELECTRIC CO LTD.

1. 2 skrivaniji, wallunit, 2 printers, 2 computers, fax machine, photocopier u ħafna affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 29 ta' Jannar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5th March, 2007 on the application of ABELA ANGELO, Monday, 3rd March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 28th January 2008 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of MASTER ELECTRIC CO LTD.

1. 2 desks, wallunit, 2 printers, 2 computers, fax machine, photocopier and lots of other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 29th January, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Courts

166

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors numru 550/07 JRM, fl-ismijiet Maltacom plc (C 22334) kontra Veronica Gauci u Joseph Debono, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata Veronica Gauci, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Maltacom plc (C 22334) kontra Veronica Gauci u Joseph Debono, fit-18 ta' Mejju 2007, is-soċjetà Kummerċjali Maltacom p.l.c. (C 22334) esponiet bir-rispett:

Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Ċitazz. Numru 2633/97GV) ġiet deċiża minn din l-Qorti fit-30 ta' Marzu 2001, fl-istess kawża 'l-konvenut kien ġie kkundannat iħallas lill-Maltacom plc is-somma ta' €6,300.30 (Lm2,704.72) in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 580833, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument huwa tas-sorte fuq indikati €658.42 (Lm282.66) oltre, spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument 'A'…omissis… u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' €9,982.88 (Lm4,285.65) salv kull imgħax ulterjuri, sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et. sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Notifika: Veronica Gauci
'Theofar Court' Flat 1,
Triq id-Difiża Ċivili,
Mosta.

Ir-Rikors Numru 550/2007 JRM, fl-ismijiet Maltacom plc vs Gauci Veronica et, jinsab differit għas-6 ta' Frar 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 26th October 2007, in the records of the Application number 550/07 JRM, in the names Maltacom plc (C 22334) against Veronica Gauci and Joseph Debono, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Veronica Gauci, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Maltacom plc (C 22334) against Veronica Gauci and Joseph Debono, on the 18th May 2007, the commercial company Maltacom p.l.c. (C22334) pleaded with respect:

That the cause in the names above premised (Writ of Summons Number 2633/97 GV) was decided by this Court, on the 30th March 2001, in the same cause 'the defendant was condemned to pay Maltacom plc the sum of €6,300.30 (Lm2,704.72) in connection with telephone service number 580833, with interest and with costs.

That from the said sum the defendant has not yet paid anything, and thus the amount due at the moment is of the capital above indicated €658.42 (Lm282.66) besides expenses and professional fees according to the attached tax marked Document 'A'…omissis... and thus the amount due to the applicant is of €9,982.88 (Lm4,285.65) saving any further interest, till the date of effective payment.

That from the date of the judgement there elapsed more than five (5) years and the applicant company has an interest to proceed with the opportune warrants to collect the amount due to it.

Thus the applicant whilst referring to article 258 et, sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) prays with respect that it be authorized by this Honourable Court to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above indicated.

Notify: Veronica Gauci
'Theofar Court' Flat 1,
Civil Defence Street,
Mosta.

The Application Number 550/2007 JRM, in the names Maltacom plc vs Gauci Veronica et, has been put off to the 6th February 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 29th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

167

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2796/07, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Alfred Falzon (ID 930248M) f'ismek personali u kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Fred Buongusto Ltd (C 15915) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) u 187(5) tal-Kap 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 16 ta'Lulju 2007

Lil Alfred Falzon (I.D. 930248M) f'ismek personali u kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Fred Buongusto Ltd (C 15915)

